L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# L-Iskema tal-Marki

IM It-Tagħlim Reliġjuż

**L-Ewwel Sessjoni 2024**

L-iskemi tal-marki ppubblikati mill-Bord tal-MATSEC mhumiex intenzjonati li jkunu dokumenti awtonomi. Huma riżorsa essenzjali għal min jikkoreġi, li wara dawn jiġu mmonitorjati permezz ta' proċess ta' verifika sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tal-iskemi tkun waħda konsistenti u preċiża.

Fil-każ ta' skemi tal-marki li jkunu jinkludu tweġibiet jew spjegazzjonjiet mudell, għandu jiġi nnutat li dawn mhumiex maħsuba biex ikunu limitati skont it-tweġibiet mogħtija. Jistgħu jkunu aċċettabbli wkoll varjazzjonijiet u alternattivi. L-eżaminaturi għandhom jikkunsidraw it-tweġibiet kollha fuq il-mertu tagħhom, u f'każ ta' dubju jridu jkunu kkonsultaw mal-Bord tal-MATSEC.

## TAQSIMA A

| Nru tal-mistoqsija | Tweġiba | Kummenti | Marki |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-kitbiet/kotba li jinsabu fil-Bibbja. | | 4 |
| 2 | Jissemmew dawn li ġejjin:<br>• Hija tweġiba ħielsa tal-bniedem lil Alla;<br>• Il-Knisja tgħin lill-individwi jikbru fil-fidi tagħhom. | 2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 4 |
| 3 | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Ma hemm xejn għalih li ma jistax isir;<br>• Huwa onnipotenti. | | 4 |
| 4 | Tissemma **WAĦDA** minn dawn li ġejjin:<br>• Alla ħalaq kollox;<br>• Kollox ġej minn Alla imma Alla hu minn dejjem;<br>• Filwaqt li l-ħolqien ingħata l-eżesitenza minn Alla, Alla hu minnu nnniffsu. | | 4 |
| 5 | Tinħoloq minn Alla (fil-mument tat-tnissil). | | 4 |
| 6 | Jissemmew **TNEJN** minn dawn li ġejjin:<br>• għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna;<br>• biex jgħaqqad lilna midinbin ma' Alla;<br>• biex jgħinna nagħrfu l-imħabba tiegħu bla tmiem;<br>• biex ikun il-mudell tal-qdusija tagħna;<br>• biex inkunu nistgħu nissieħbu fin-natura ta' Alla;<br>• biex inkunu nistgħu nsejħu lil Alla "missier". | 2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 4 |
| 7 | • jissieħeb fis-sagrifiċċju ta' Ġesù għall-fidwa tal-bnedmin. | | 4 |
| 8 | Jissemmew dawn li ġejjin:<br>• issa qiegħed isaltan bin-natura umana fil-ġenna;<br>• jidħol dejjem għall-bnedmin bħala medjatur quddiem il-Missier. | 2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 4 |
| 9 | • grazzji speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu. | | 4 |
| 10 | Jissemmew **ERBA'** minn dawn li ġejjin:<br>• spirtu li jittajjar fuq l-ilma;<br>• sħaba;<br>• ilma ħaj;<br>• ħamiema;<br>• nar;<br>• żejt/dilka;<br>• tqegħid tal-idejn. | 1 marka x 1<br>1 marka x 1<br>1 marka x 1<br>1 marka x 1 | 4 |
| | | | **Total: 40 Marka** |

## TAQSIMA B

| Nru tal-mistoqsija | | Tweġiba | Kummenti | Marki |
|---|---|---|---|---|
| 11 | a | Isemmu **TNEJN** minn dawn li ġejjin:<br>• Jemmen fl-Iben t'Alla; | 4 marki x 1<br>4 marki x 1 | 8 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | • Jobdi t-tagħlim ta' Ġesù;<br>• Jisma' l-kliem ta' Ġesù u jemmen f'Alla li bagħtu;<br>• Jiekol l-ġisem u jixrob d-demm ta' Ġesù;<br>• Ma jorbotx qalbu mal-affarijiet ta' din id-dinja. | | |
| | b | Jissemmew dawn li ġejjin:<br>• Il-mewt daħlet minħabba d-dnub oriġinali;<br>• Alla ippermetta li l-Iben waħdieni tiegħu jissagrifika ruħu permezz tal-mewt fuq is-salib. | 4 marki x 1<br>4 marki x 1 | 8 |
| | ċ | Jissemmew dawn li ġejjin:<br>• Kull ruħ għandha bżonn ta' purifikazzjoni;<br>• L-erwieħ kollha li hemm fil-purgatorju ser jidħlu l-ġenna żgur. | 2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 4 |
| | | | | **Total: 20 Marka** |
| 12 | a | Isemmu **TLIETA** minn dawn:<br>• Ġesù Kristu huwa r-ras tal-Knisja;<br>• L-Unità li hemm bejn Ġesù u l-Knisja tiegħu;<br>• L-għaqda bejn il-membri kollha tal-Knisja minkejja d-diversità tagħhom;<br>• Fit-Testment il-Ġdid ir-relazzjoni bejn Kristu u l-Knisja hija mqabbla mar-relazzjoni bejn mara u raġel fiż-żwieġ. | 2 marki x 1<br>2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 6 |
| | b | Jissemmew dawn li ġejjin:<br>• L-Isqfijiet huma s-suċċessuri tal-appostli;<br>• Il-Papa huwa s-suċċessur ta' San Pietru. | 2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 4 |
| | ċ | Isemmu **TNEJN** minn dawn li ġejjin:<br>• It-Tempju fit-Testment l-Antik kien ifisser il-preżenza t'Alla;<br>• Ġesù bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-ewwel Insara;<br>• L-Ispirtu s-Santu huwa s-sors tal-ħajja u l-kariżmi fil-Knisja. | 3 marki x 1<br>3 marki x 1 | 6 |
| | d | Isemmu **TNEJN** minn dawn:<br>• Il-Knisja tistqarr fidi waħda;<br>• Il-Knisja għandha magħmudija waħda;<br>• Il-Knisja hija għaqda waħda minkejja d-diversità fiha;<br>• L-għaqda fil-Knisja tirrifletti l-għaqda tat-Trinità. | 2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 4 |
| | | | | **Total: 20 Marka** |
| 13 | a | Jissemmew **TLIETA** minn dawn:<br>• Il-qima pubblika tal-Knisja;<br>• Huwa talb tal-komunità;<br>• Hija l-parteċipazzjoni tal-poplu fix-xogħol ta' Alla;<br>• Fil-liturġija Alla jaħdem għas-salvazzjoni tagħna. | 2 marki x 1<br>2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 6 |
| | b | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• Huwa preżenti għaliex aħna l-ġisem ta' Kristu;<br>• Huwa preżenti fil-liturġija tal-Kelma;<br>• Huwa preżenti fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. | 4 marki x 1<br>4 marki x 1 | 8 |
| | ċ | Jissemmew dawn **it-TNEJN:**<br>• L-għaxar u l-aħħar kastig li bagħat Alla fuq l-Eġittu; | 3 marki x 1<br>3 marki x 1 | 6 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | • Il-Lhud kellhom joqtlu ħaruf u jxerrdu demmu mal-bibien biex l-anġlu tal-mewt jibqa' għaddej u l-ewwel wild jibqa' ħaj. | | |
| | | | | **Total: 20 Marka** |
| 14 | a | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• Meta fejjaq il-lebbrużi;<br>• Meta fejjaq raġel għami mit-twelid;<br>• Meta ħeles nies ipposseduti mix-xjaten. | 3 marki x 1<br>3 marki x 1 | 6 |
| | b | Jissemmew dawn **it-TNEJN:**<br>• Wara s-seklu 9 beda jitqies aktar bħala sagrament li jipprepara lil persuna qabel tmut;<br>• Il-Konċilju Vatikan II daħħal lura l-intenzjoni oriġinali ta' fejqan. | 3 marki x 1<br>3 marki x 1 | 6 |
| | ċ | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• Min hu marid gravi;<br>• Min hu fil-periklu tal-mewt;<br>• Min ser jagħmel intervent mediku;<br>• Waqt ċelebrazzjoni komunitarja ta' fejqan. | 4 marki x 1<br>4 marki x 1 | 8 |
| | | | | **Total: 20 Marka** |
| 15 | a | Jissemmew **TLIETA** minn dawn:<br>• Jagħraf il-qdusija tal-ħajja mill-konċepiment sal-mewt;<br>• Jagħraf li kull persuna hija maħluqa xbieha t'Alla;<br>• Iżomm li l-qtil huwa dejjem ħażin u ma jistax jiġi iġġustifikat sakemm mhux waqt difiża leġittima;<br>• Kull ħajja hija prezzjuża għal Alla;<br>• Wieħed għandu wkoll jieħu ħsieb saħħtu u l-ħajja li tah Alla. | 2 marki x 1<br>2 marki x 1<br>2 marki x 1 | 6 |
| | b | Jissemmew dawn **it-TNEJN:**<br>• F'soċjetajiet moderni għandna ħabsijiet fejn fihom jinżammu kriminali mingħajr ma jkunu ta' periklu għas-soċjetà;<br>• Il-piena kapitali tmur kontra d-dinjità tal-bniedem u iddaħħal sens ta' vendetta. | 3 marki x 1<br>3 marki x 1 | 6 |
| | ċ | Jissemmew **TNEJN** minn dawn:<br>• Tikser il-liġi divina għaliex huwa att ta' qtil;<br>• Tmur kontra r-rispett li għandna nuru lejn Alla;<br>• Li persuna tmut b'dinjità huwa possibli mingħajr ma tinqatel. | 4 marki x 1<br>4 marki x 1 | 8 |
| | | | | **Total: 20 Marka** |